A.L. 128 tal-2012

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430) Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, b'konsultazzjoni mal-Prim Ministru u l-Ministri responsabbli għas-Saħħa u l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bijoċidi, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 430.03

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jittrasponu d-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/71/UE tas-26 ta' Lulju 2011 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-kreożot jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha.

2. It-Taqsima A tal-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"L-ANNES I
TAQSIMA A
IL-LISTA TAS-SUSTANZI ATTIVI BI ĦTIĠIET MIFTIEHMA FIL-LIVELL KOMUNITARJU LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-PRODOTTI BIJOĊIDALI

Nru	Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' identifikazzjoni	Purità minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif jitqiegħed fis-suq	Data tal-inklużjoni	Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità ma' l-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw ma' l-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipolata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom)	Skadenza tal-inklużjoni	Tip ta' prodott	Dispożizzjonijiet speċifiċi (*)
1	is-*sulfuryl fluoride*	id-difluworidu *sulfuryl* Nru tal-KE: 220-281-5 Nru tal-*CAS*: 2699-79-8	994 g/kg	l-1 ta' Jannar 2009	il-31 ta' Diċembru 2010	il-31 ta' Diċembru 2018	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) il-prodott jista' jinbiegħ biss lill-professjonisti mħarrġa biex jużawh u għall-użu tagħhom; (2) huma inklużi miżuri għat-taffija tar-riskju xierqa għall-operaturi u għall-persuni fil-viċin; (3) il-konċentrazzjonijiet tas-*sulfuryl fluoride* f'atmosfera troposferika remota huma mmoniterjati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li r-rapporti tal-monitoraġġ imsemmija fil-punt (3) jiġu trasmessi mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni direttament lill-Kummissjoni kull ħames sena mill-1 ta' Jannar 2009.

			994 gm/kg	fl-1 ta' Lulju 2011.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	fit-30 ta' Ġunju 2021	18	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti għandhom jinbiegħu lil u jintużaw biss minn professjonisti mħarrġin biex jużawhom. (2) Jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-fumigaturi u tal-persuni li jinzertaw fil-qrib waqt il-fumigazzjoni u l-ventilazzjoni ta' bini jew spazji magħluqa oħra ttrattati. (3) It-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti għandhom jindikaw li, qabel il-fumigazzjoni ta' kwalunkwe spazju magħluq, kull oġġett tal-ikel jeħtieġ li jitneħħa. (4) Il-konċentrazzjonijiet tal-fluworid tas-sulfuril f'arja troposferika remota huma mmonitorjati. (5) L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li r-rapporti tal-monitoraġġ imsemmi fil-punt (4) jiġu kkomunikati direttament lill-Kummissjoni kull ħames snin mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni, u jibdew sa mhux aktar tard minn ħames snin wara l-awtorizzazzjoni. Il-limitu ta' individwazzjoni għall-analiżi għandu jkun ta' talanqas 0,5 ppt (ekwivalenti għal 2,1 ng fluworid tas-sulfuril/m 3 ta' arja troposferika).
2	dichloflua nid	N-(Dichlorofluor omethylthio)-N',N'-dimethyl-N-phenylsulfami de Nru tal-KE: 214-118-7 Nru CAS: 1085-98-9	> 96 % w/w	1-1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2011	28 ta' Frar 2019	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Prodotti awtorizzati għal użu industrijali u/jew professjonali jridu jiġu użati b'tagħmir protettiv personali adatt. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal-ħamrija, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jiġi protett dak il-kompartiment. (3) It-tikketi u/jew il-fujetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil- ħamrija, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi.

3	clothianidin	(E)-1-(2-Kloro-1,3-tijażol- 5-ilmetil)-3-metil-2-nitrogwanidina / Klotijanidin Nru tal-KE: 433-460-1 Nru tal-CAS: 210880-92-5	950 g/kg	l-1 ta' Frar 2010	il-31 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Jannar 2020	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tiġi evalwata, skond l-Artikolu 5 u l-Annes VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw dawk l-użi/ xenarji ta' esponiment u/ jew poplazzjonijiet li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell Komunitarju. Meta jagħtu l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew jiġu imposti kundizzjonijet speċifiċi biex itaffu r-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħ jingħataw biss meta l-applikant juri li rirskji jistgħu jittaffew għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Fid-dawl tar-riskju identifikat għall-ħamrija u għall-kompartimenti tal-ilma tal-wiċċ u tal-pjan, ma jistgħux jiġu awtroizzati prodotti għat-trattament tal-injam li jkun sejjer jintuża fl-apert sakemm ma tkunx sottomessa dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u l-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri adegwati ta' taffija tar-riskju. B'mod partikolari, it-tikketi u/jew il-fujetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi.

4	Difethialone	*3-[3-(4'-bromo[1,1'biphenyl]-4-yl)-1,2,3,4-tetrahydronaphth-1-yl]-4-hydroxy-2H-1-benzothiopyran-2-one* Nru tal-KE: n/a Nru tal-CAS: 104653-34-1	976 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2011	31 ta' Ottubru 2014	14	Fid-dawl tal-fatt li l-karatteristiċi tas-sustanza attiva jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiku, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, is-sustanza attiva għandha tiġi soġġetta għal stima ta' riskju komparabbli skond tieni subparagrau tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti m'għandhiex taqbeż iż-0.0025 % w/w u se jkunu awtorizzati biss il-lixki lesti biex jintużaw. (2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent li jbiegħed u, fejn xieraq, żebgħa (3) Il-prodotti m'għandhomx jintużaw bħala trab għat-traċċar. (4) L-esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, tal-annimali li mhumiex fil-mira u tal-ambjent, jiġu l-miżuri kollha disponibbli għat-taffija tar-riskju. Dawn jinkludu, fost oħrajn, ir-restrizzjoni tal-użu għal użu professjonali biss, it-twaqqif tal-ogħla limitu għad-daqs tal-pakkett u t-twaqqif tal-obbligi biex jintużaw kaxex tal-lixka li jifilħu għat-tbagħbis u li jkunu sikuri.

5	etofenprox	3-fenossibenżil-2-(4-etossifenil)-2-metilpropileteru Nru tal-KE: 407-980-2 Nru tal-CAS: 80844-07-1	970 g/kg	1 ta' Frar 2010	31 ta' Jannar 2012	31 ta' Jannar 2020	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tiġi evalwata, skond l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jaċċessaw dawk ix-xenarji u/jew popolazzjonijiet ta' użu u/jew esponiment li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jevalwaw ir-riskji u sussegwentament jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew jiġu imposti kundizzjonijet speċifiċi għat-taffija tar-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni għal prodott tista' biss tingħata meta l-applikazzjoni tuti li r-riksji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Fid-dawl tar-riksju identifikat għall-ħaddiema, il-prodotti ma jistgħux jintużaw is-sena kollha sakemm ma tiġix ipprovduta dejta dwar l-assorbiment mill-ġilda sabiex jintwera li l-prodotti jistgħu jintużaw mingħajr riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, il-prodotti maħsuba għall-użu industrijali għandhom jintużaw flimkien mat-tagħmir protettiv adegwat

6	tebuconazole	1-(4-chlorophenyl)-4,4-dimethyl-3-(1,2,4-triazol-1-ylmethyl)pentan-3-ol Nru tal-KE: 403-640-2 Nru tal-CAS: 107534-96-3	950 g/kg	l-1 ta' April 2010	il-31 ta' Marzu 2012	il-31 ta' Marzu 2020	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Fid-dawl tar-riskju identifikat għall-kompartimenti tal- ħamrija u akkwatiċi, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat- taffija tar-riskju sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketi u/jew il-fuljetti tad-data tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. Barra minn hekk, il-prodotti ma jistgħux jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert jew għall-injam ittrattat i jkun f'kuntatt kontinwu ma' l-ilma, sakemm ma titressaqx data biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u l-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri adegwati tat-taffija tar-riskju.
7	dijossidu tal-karbonju	dijossidu tal-karbonju Nru tal-KE: 204-696-9 Nru tal-CAS: 124-38-9	990 ml/l	l-1 ta' Novembru 2009	il-31 ta' Ottubru 2011	il-31 ta' Ottubru 2019	14	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skond l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu u/jew esponiment u/jew popolazzjonijiet li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jevalwaw ir-riskji u sussegwentament jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew jiġu imposti kundizzjonijet speċifiċi għat-taffija tar-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni għal prodott tista' biss tingħata meta l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli.

			990 ml/l	l-1 ta' Novembru 2012	il-31 ta' Ottubru 2014	il-31 ta' Ottubru 2022	18	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta dan ikun rilevanti għall-prodott partikolari, dawk l-użi jew ix-xenarji ta' esponiment u dawk ir-riskji għall-kompartimenti jew għall-popolazzjonijiet li ma jkunux ġew indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell Ewropew Meta jagħtu l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex itaffu r-riskji identifikati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodott għandu jinbiegħ biss lill-professjonisti mħarrġa u għandu jintuża minnhom biss. (2) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jħarsu lill-operaturi sabiex ikun hemm riskju minimu, inkluż id-disponibbiltà ta' tagħmir protettiv personali jekk meħtieġ. (3) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jitħarsu n-nies li jkunu fil-qrib, bħall-esklużjoni miż-żona tat-trattament waqt il-fumigazzjoni.

8	propiconazole	1-[[2-(2,4-dichlorophenyl)- 4-propyl-1,3-dioxolan-2- yl]methyl]-1H-1,2,4-triazole Nru tal-KE: 262-104-4 Nru tal-CAS: 60207-90-1	930 g/kg	l-1 ta' April 2010	il-31 ta' Marzu 2012	il-31 ta' Marzu 2020	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Fid-dawl tal-preżunzjonijiet waqt l-evalwazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali jeħtiġilhom jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv adegwat, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitrażżnu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra. Fid-dawl tar-riskju identifikat għall-kompartimenti tal- ħamrija u akkwatiċi, miżuri xierqa għat-taffija tar-riskju għandhom jittieħdu sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw l-injam li jkun. Barra minn hekk, il-prodotti ma jistgħux jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert jew għall-injam ittrattat espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri adegwati tat-taffija tar-riskju.

9	*Difenacoum*	3-(3-biphenyl-4-yl-1,2,3,4-tetrahydro-1-naphthyl)-4-hydroxycoumarin Nru tal-KE: 259-978-4 Nru tal-CAS: 56073-07-5	960 g/kg	l-1 ta' April 2010	il-31 ta' Marzu 2012	il-31 ta' Marzu 2015	14	Fid-dawl tal-fatt li l-karatteristiċi tas-sustanza attiva jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiku, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, is-sustanza attiva għandha tiġi suġġetta għal valutazzjoni tar-riskju komparattiva skond it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti m'għandhiex taqbeż il-75 mg/kg u se jkunu awtorizzati biss il-prodotti lesti għall-użu. (2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent li jbiegħed u, fejn xieraq, żebgħa. (3) Il-prodotti m'għandhomx jintużaw bħala trab għat-traċċar. (4) Esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, annimali mhux fil-mira u l-ambjent jiġu minimizzati, billi jiġu kkunsidrati u applikati l-miżuri kollha xierqa u disponibbli għat-taffija tar-riskju. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu r-restrizzjoni għall-użu professjonali biss, l-iffissar tal-limitu għall-kobor tal-pakkett u stipular tal-obbligi biex jintużaw kaxxi tal-lixki reżistenti għat- tbagħbis u sikuri.

10	K-HDO	Melħ tal-potassju tas-cyclohexylhydroxydiazene 1-oxide Nru tal-KE: n/a Nru tal-CAS: 66603-10-9 (Din l-entrata tkopri wkoll il-forom idratati tal-K-HDO)	977 g/kg	l-1 ta' Lulju 2010	it-30 ta' Ġunju 2012	it-30 ta' Ġunju 2020	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tiġi evalwata skond l-Artikolu 5 u l-Annes VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott, u l-użu jew ix-xenarji ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell Komunitarju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Meta jitqiesu r-riskji possibbli għall-ambjent u għall-ħaddiema, il-prodotti ma għandhomx jintużaw f'sistemi oħrajn ħlief għal dawk industrijali, totalment awtomatizzati u magħluqin sakemm l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-prodott ma turix li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE u l-Anness VI għaliha. (2) Meta jitqiesu s-suppożizzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti jeħtiġilhom jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv xieraq, sakemm l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott ma turix li r-riskji għall-utenti jistgħu jitrażżnu għal livelli aċċettabbli b'mezzi oħra. (3) Meta jitqiesu r-riskji identifikati għat-trabi, il-prodotti ma għandhomx jintużaw fit-trattament ta' njam li jista' jiġi f'kuntatt dirett mat-trabi.
11	IPBC	3-iodo-2-propynyl butylcarbamate Nru tal-KE: 259-627-5 Nru tal-CAS: 55406-53-6	980 g/kg	l-1 ta' Lulju 2010	it-30 ta' Ġunju 2012	it-30 ta' Ġunju 2020	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Meta jitqiesu s-suppożizzjonijiet waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali jeħtiġilhom jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv xieraq, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni għall-prodott li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitrażżnu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra.

12	Klorofaċinon	Klorofaċinon Nru tal-KE: 223-003-0 Nru CAS: 3691-35-8	978 gm/kg	l-1 ta' Lulju 2011	fit-30 ta' Ġunju 2013.	fit-30 ta' Ġunju 2016.	14	Meta jitqiesu r-riskji identifikati għall-annimali li mhumiex fil-mira, is-sustanza attiva għandha tkun suġġetta għal valutazzjoni komparattiva tar-riskji skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti ħlief għat-trab għat-traċċar ma għandhiex taqbeż il-50 mg/kg u għandhom ikunu awtorizzati biss il-prodotti lesti għall-użu. (2) Il-prodotti li se jintużaw bħala trab għat-traċċar għandhom jitqiegħdu fis-suq għall-użu biss minn professjonisti mħarrġin. (3) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent avversiv u, fejn xieraq, żebgħa. (4) Esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, tal-annimali li mhumiex fil-mira u tal-ambjent jiġi mnaqqas, billi jiġu kkunsidrati u applikati l-miżuri kollha xierqa u disponibbli għat-taffija tar-riskji. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu r-restrizzjoni għall-użu professjonali biss, l-iffissar ta' limitu għall-akbar daqs tal-pakkett u l-istipular tal-obbligi biex jintużaw kaxxi tal-lixki reżistenti għat-tbagħbis u siguri.

13	Thiabendazole	2-thiazol-4-yl-1H-benzoimidazole Nru tal-KE: 205-725-8 Nru tal-CAS: 148-79-8	985 g/kg	1 ta' Lulju 2010	30 ta' Ġunju 2012	30 ta' Ġunju 2020	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Meta jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv xieraq, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnażżnu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra. Meta jitqiesu r-riskji identifikati għall-kompartimenti tal-ħamrija u akkwatiċi, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-data tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert jew għall-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx data biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji.

14	thiametho xam	thiamethoxam Nru tal-KE: 428-650-4 Nru tal-CAS: 153719-23-4	980 g/kg	l-1 ta' Lulju 2010	it-30 ta' Ġunju 2012	it-30 ta' Ġunju 2020	8	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Meta jitqiesu s-suppożizzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali jeħtieġ li jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv xieraq, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra. Meta jitqiesu r-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u akkwatiċi, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat- taffija tar-riskji sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketi u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq baži iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert jew għall-injam espost għall-elementi, sakemm ma tkunx tressqet dejta biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskju.

15	alphachloralose	(R)-1,2-O-(2,2,2-Trichloroethylidene)-α-D-glucofuranose Nru tal-KE: 240-016-7 Nru tal-CAS: 15879-93-3	825 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2011.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	fit-30 ta' Ġunju 2021.	14	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tiġi evalwata skont l-Artikolu 5 u l-Annes VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u l-użu jew ix-xenarji ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell Komunitarju. Meta jagħtu l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew jiġu imposti kundizzjonijet speċifiċi biex itaffu r-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħu jingħataw biss meta l-applikant juri lir-riskji jistgħu jittaffew għal livelli aċċettabbli. B'mod partikolari, il-prosotti ma jistgħux ikunu awtorizzati għall-użu barra sakemm ma titressaqx dejta biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u l-Anness VI, jekk ikun meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri adegwati tat-taffja tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) il-konċentrazzjoi normali tas-sustanza attiva fil-prodotti ma għandhiex taqbeż l-40 g/kgħ (2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent avversiv u żebgħa. (3) Għandhom ikunu awtorizzati għall-użu f'kaxex tal-lixka reżistenti għat-tbagħbis u magħluqin sewwa.

16	brodifacoum	3-[3-(4'-bromobiphenyl-4- yl)-1,2,3,4-tetrahydro-1-napthyl]-4-hydroxycoumarin Nru tal-KE: 259-980-5 Nru CAS: 56073-10-0	950 g/kg	l-1 ta' Frar 2012	il-31 ta' Jannar 2014	il-31 ta' Jannar 2017	14	Fid-dawl tal-fatt li l-karatteristiċi tas-sustanza attiva jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiku, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, is-sustanza attiva għandha tiġi suġġetta għal valutazzjoni tar-riskju kumparattiva skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti ma għandhiex taqbeż il-50 mg/kg u se jkunu awtorizzati biss il-prodotti lesti għall-użu. (2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent avversiv u, fejn xieraq, żebgħa. (3) Il-prodotti ma għandhomx jintużaw bħala trab għat-traċċar. (4) Esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, tal-annimali li mhumiex fil-mira u tal-ambjent jitnaqqas, billi jiġu kkunsidrati u applikati l-miżuri kollha xierqa u disponibbli għat-taffija tar-riskji. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu r-restrizzjoni għall-użu professjonali biss, l-iffissar ta' limitu massimu għad-daqs tal-pakkett u l-istipular tal-obbligi biex jintużaw kaxxi tal-lixki reżistenti għat-tbagħbis u siguri.

17	bromadiolone	3-[3-(4'-Bromo[1,1'-biphenyl]-4-yl)-3-hydroxy- 1-phenylpropyl]-4-hydroxy-2H-1-benzopyran-2-one Nru tal-KE: 249-205-9 Nru tal-CAS: 28772-56-7	969 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2011.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	fit-30 ta' Ġunju 2016.	14	Fid-dawl tal-fatt li l-karatteristiċi tas-sustanza attiva jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossika, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, is-sustanza attiva għandha tiġi suġġetta għal valutazzjoni tar-riskju komparattiva skont it-tieni subparagrau tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti m'għandhiex taqbeż il-50 mg/kg u se jkunu awtorizzati biss il-prodotti lesti għall-użu. (2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent avversiv u, fejn xieraq, żebgħa. (3) Il-prodotti m'għandhomx jintużaw bħala trab għat-traċċar. (4) Esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, tal-annimali li mhumiex bersall u tal-ambjent jiġi minimizzat, billi jiġu kkunsidrati u applikati l-miżuri kollha xierqa u disponibbli għat-taffija tar-riskju. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu r-restrizzjoni għall-użu professjonali biss, l-iffissar ta' limitu massimu għad-daqs tal-pakkett u l-istipular tal-obbligi biex jintużaw kaxxi tal-lixki reżistenti għat-tbagħbis u siguri.

18	Thiaclopri d	(Z)-3-(6-chloro-3-pyridylmethyl)-1,3-thiazolidin- 2-ylidenecyana mide Nru tal-KE: mhux applikabbli Nru tal-CAS: 111988-49-9	975 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2010.	mhux applikabbli	fil-31 ta' Diċembru 2019.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu u/jew esponiment u/jew popolazzjonijiet li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta jagħtu awtorizzazzjoni għall-prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwenteent jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew li jkunu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħu jingħataw biss meta l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kun-dizzjonijiet li ġejjin: (1) Fid-dawl tal-preżunzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv persunali adegwat sakemm ma jkunx jista' jintwera fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott li r-riskju għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra; (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartiment tal- ħamrija u dak akkwatiku, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq baži iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi; (3) Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam ħdejn l-ilma, fejn rilaxxi diretti fil-kompartiment akkwatiku ma jkunux jistgħu jiġu pprevenuti, jew għal injam

								li se jkun f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ, sakemm ma tkunx tressqet dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji. (3) Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam ħdejn l-ilma, fejn rilaxxi diretti fil-kompartiment akkwatiku ma jkunux jistgħu jiġu pprevenuti, jew għal injam li se jkun f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ, sakemm ma tkunx tressqet dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji.

19	Indoxacarb (enantiomeric reaction mass S:R 75:25)	Il-massa ta' reazzjoni ta' ethyl (S)- and methyl(R)-7-chloro-2,3,4a,5-tetrahydro-2-[methoxycarbonyl-(4-trifluoromethoxyphenyl) carbamoyl]indeno[1,2-e][1,3,4]oxadiazine-4a-carboxylate (Din l-entrata tkopri l-massa ta' reazzjoni 75:25 tal-enantiomers S u R) Nru tal-KE: mhux applikabbli Nru tal-CAS: S-enantiomer: 173584-44-6 u R-enantiomer: 185608-75-7)	796 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2010.	mhux applikabbli	fil-31 ta' Diċembru 2019.	18	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu u/jew esponiment u/jew popolazzjonijiet li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta jagħtu awtorizzazzjoni għall-prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwenteent jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew li jkunu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħu jingħataw biss meta l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: Jeħtieġ li jittieħdu miżuri adegwati ta' taffija tar-riskju biex jimminimizzaw l-esponiment potenzjali tal-bnedmin, tal-ispeċijiet mhux fil-mira u tal-ambjent akkwatiku. B'mod partikolari, it-tikketi u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għandhom jindikaw li: (1) il-prodotti ma għandhomx jitqiegħdu f'postijiet aċċessibbli għat-trabi, it-tfal u l-annimali ta' kumpanija; (2) il-prodotti għandhom jitqiegħdu 'l bogħod minn spralli esterni; (3) il-prodotti mhux użati għandhom jintremew b'mod xieraq, u mhux jintefgħu fl-ilma ta' skart. Għall-użu mhux professjonali, għandhom ikunu awtorizzati biss prodotti lesti għall-użu.

20	aluminium phosphide li jirrilaxxa l-phosphine	aluminium phosphide Nru tal-KE: 244-088-0 Nru tal-CAS: 20859-73-8	830 g/kg	fl-1 ta' Settembru 2011.	Fil-31 ta' Awwissu 2013	fil-31 ta' Awwissu 2021.	14	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu u/jew esponiment u/jew popolazzjonijiet li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta jagħtu awtorizzazzjoni għall-prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwenteent jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew li jkunu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħu jingħataw biss meta l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. B'mod partikolari, il-prodotti ma jistgħux jiġu awtorizzati għall-użu ġewwa sakemm ma tkitressaqx dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u l-Anness VI, jekk ikun meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri adegwati għat-taffija tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) li l-prodotti jinbiegħu biss lil utenti professjonali mħarrġin apposta u li jintużaw minnhom biss. (2) Fid-dawl tar-riskji li ġew identifikati għall-operaturi, jeħtieġ li jkunu applikati miżuri adegwati għat-taffija tar-riskju. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu ta' tagħmir protettiv personali, l-użu ta' applikaturi u l-preżentazzjoni tal-prodott f'forma maħsuba biex tnaqqas l-esponiment tal-operaturi għal livell aċċettabbli. (3) Fid-dawl tar-riskji li ġew identifikati għall-ispeċijiet terrestri mhux fil-mira, jeħtieġ li jkunu applikati miżuri adegwati għat-taffija tar-riskju. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, li ma jiġux ittrattati postijiet fej ikunu preżenti mammiferi oħra li jħaffru taħt l-art għajr l-ispeċi fil-mira.

			830 gm/kg	1 ta' Frar 2012	31 t a' Jannar 2014	31 ta' Jannar 2022	18	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu jew esponiment u dawk ir-riskji għall-kompartimenti jew popolazzjonijiet li ma ġewx indirizzati rappreżentattivament fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-użu fuq barra. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti provi xierqa għar- residwi sabiex ikun jista' jkun hemm valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur, u li jittieħdu miżuri xierqa jew jiġu imposti kundizzjonijet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti għandhom jiġu fornuti u jintużaw biss minn professjonisti mħarrġin apposta fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu. (2) Fid-dawl tar-riskji li ġew identifikati għall-operaturi, jeħtieġ li jkunu applikati miżuri adegwati għat-taffija tar-riskju. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu ta' tagħmir personali u respiratorju protettiv, l-użu ta' applikaturi u l-preżentazzjoni tal-prodott f'forma maħsuba biex tnaqqas l-esponiment tal-operaturi għal livell aċċettabbli. Għall-użu fuq ġewwa, dawn jinkludu wkoll il- ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema waqt il-fumigazzjoni, il-ħarsien tal-ħaddiema meta jerġgħu jidħlu (wara l-fumigazzjoni), u l-ħarsien tan-nies fil-qrib kontra t-tnixxija ta' gassijiet. (3) Għall-prodotti li fihom il-fosfid tal-aluminju li jistgħu jwasslu għal residwi fl-ikel jew fl-għalf, it-tiketti u/jew l-iskedi tad-dejta ta' sikurezza għall-prodotti awtorizzati għandu jkollhom struzzjonijiet għall-użu, bħall-aderenza għall-perjodi ta' stennija, li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

21	fenpropimorf	(+/-)-ċis-4-[3-(p-tert-butilfenil)-2-metilpropil]-2,6-dimetilmorfolin Nru tal-KE: 266-719-9 Nru CAS: 67564-91-4	930 gm/kg	fl-1 ta' Lulju 2011	fit-30 ta' Ġunju 2013	fit-30 ta' Ġunju 2021	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata skont l-Artikolu 5 u l-Annes VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta jkunu rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u l-użu jew ix-xenarji ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju li saret fil-livell Komunitarju. Meta l-Istati Membri jagħtu l-awtorizzazzjoni ta' prodott, għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni tal-prodott tista' tingħata biss f'każ fejn l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Fid-dawl tas-suppożizzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, għajr jekk fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott jista' jintwera li r-riskji għall-utenti industrijali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u dawk akkwatiċi, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jiġu protetti dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen taħt għata wara t-trattament u/jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jkun hemm l-ebda materjal li jiskula direttament fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar biex jintuża mill-ġdid jew biex jintrema.

22	aċidu boriku	aċidu boriku Nru tal-KE: 233-139-2 Nru CAS: 10043-35-3	990 gm/kg	l-1 ta' Settembru 2011	fil-31 ta' Awwissu 2013.	fil-31 ta' Awwissu 2021.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta jkun rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u x-xenarji tal-użu jew ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju li saret fil-livell Komunitarju. Meta l-Istati Membri jagħtu awtorizzazzjoni tal-prodott, għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni tal-prodott tista' tingħata biss f'każ fejn l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u professjonali jeħtieġ li jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, għajr jekk fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott jista' jintwera li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u dawk akkwatiċi, il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post tal-injam fuq barra jew għall-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta li turi li l-prodott se jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen taħt għata wara t-trattament u/jew fuq baži iebsa impermeabbli biex ma jkun hemm l-ebda materjal li jiskula direttament fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar biex jintuża mill-ġdid jew biex jintrema.

23	ossidu boriku	Triossidu tad-diboron Nru tal-KE: 215-125-8 Nru CAS: 1303-86-2	975 gm/kg	fl-1 ta' Settembru 2011.	fil-3 1 ta' Awwissu 2013.	fil-31 ta' Awwissu 2021.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata skont l-Artikolu 5 u l-Annes VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta jkunu rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u x-xenarji tal-użu jew ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju li saret fil-livell Komunitarju. Meta l-Istati Membri jagħtu awtorizzazzjoni tal-prodott, għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni tal-prodott tista' tingħata biss f'każ fejn l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u professjonali jeħtieġ li jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, għajr jekk fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott jista' jintwera li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u dawk akkwatiċi, il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post tal-injam fuq barra jew għall-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen taħt għata wara t-trattament u/jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jkun hemm l-ebda materjal li jiskula direttament fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar biex jintuża mill-ġdid jew biex jintrema.

24	tetraborat tad-disodju	tetraborat tad-disodju Nru tal-KE: 215-540-4 Nru CAS (anidru): 1330- 43-4 Nru CAS (pentaidrat): 12267-73-1 Nru CAS (dekaidrat): 1303- 96-4	990 g/kg	fl-1 ta' Settembru 2011.	fil-31 ta' Awwissu 2013.	fil-31 ta' Awwissu 2021.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta jkun rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u x-xenarji tal-użu jew ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju li saret fil-livell Komunitarju. Meta l-Istati Membri jagħtu awtorizzazzjoni tal-prodott, għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni tal-prodott tista' tingħata biss f'każ fejn l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u professjonali jeħtieġ li jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, għajr jekk fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott jista' jintwera li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u dawk akkwatiċi, il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post tal-injam fuq barra jew għall-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta li turi li l-prodott se jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen taħt għata wara t-trattament u/jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jkun hemm l-ebda materjal li jiskula direttament fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar biex jintuża mill-ġdid jew biex jintrema.

25	ottaborat tad-disodju tetraidrat	ottaborat tad-disodju tetraidrat Nru tal-KE: 234-541-0 Nru CAS: 12280-03-4	975 gm/kg	fl-1 ta' Settembru 2011.	fil-31 ta' Awwissu 2013.	fil-31 ta' Awwissu 2021.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta jkun rilevanti għall-prodott partikolari, il-popolazzjonijiet li jistgħu jkunu esposti għall-prodott u x-xenarji tal-użu jew ta' esponiment li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju li saret fil-livell Komunitarju. Meta l-Istati Membri jagħtu awtorizzazzjoni tal-prodott, għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwentement jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjoni tal-prodott tista' tingħata biss f'każ fejn l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u professjonali jeħtieġ li jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, għajr jekk fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott jista' jintwera li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra. (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal- ħamrija u dawk akkwatiċi, il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post tal-injam fuq barra jew għall-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta li turi li l-prodott se jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen taħt għata wara t-trattament u/jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jkun hemm l-ebda materjal li jiskula direttament fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar biex jintuża mill-ġdid jew biex jintrema.

26	Fosfid tal-manjeżju li jirrilaxxa l-fosfina	Difosfid tat-trimanjeżju Nru tal-KE: 235-023-7 Nru tas-CAS: 12057-74-8	880 g/kg	1 ta' Frar 2012	31 ta' Jannar 2014	31 ta' Jannar 2022	18	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu jew esponiment u dawk ir-riskji għall-kompartimenti jew popolazzjonijiet li ma ġewx indirizzati rappreżentattivament fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-użu fuq barra. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni għal prodott, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti provi xierqa għar- residwi sabiex ikun jista' jkun hemm valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur, u li jittieħdu miżuri xierqa jew jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji identifikati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti għandhom jiġu fornuti u jintużaw biss minn professjonisti mħarrġin apposta fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu. (2) Fid-dawl tar-riskji li ġew identifikati għall-operaturi, jeħtieġ li jkunu applikati miżuri adegwati għat-taffija tar-riskju. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu ta' tagħmir personali u respiratorju protettiv, l-użu ta' applikaturi u l-preżentazzjoni tal-prodott f'forma maħsuba biex tnaqqas l-esponiment tal-operaturi għal livell aċċettabbli. Għall-użu fuq ġewwa, dawn jinkludu wkoll il- ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema waqt il-fumigazzjoni, il-ħarsien tal-ħaddiema meta jerġgħu jidħlu (wara l-fumigazzjoni), u l-ħarsien tan-nies fil-qrib kontra t-tnixxija ta' gassijiet. (3) Għall-prodotti li fihom il-fosfid tal-manjeżju li jistgħu jwasslu għal residwi fl-ikel jew fl-għalf, it-tikketti u/jew l-iskedi tad-dejta ta' sikurezza għall-prodotti awtorizzati għandu jkollhom struzzjonijiet għall-użu, bħall-aderenza għall-perjodi ta' stennija, li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

